MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2007

Avviz Numru. 273/2000/1

**Joseph u Monica konjugi Gera**

**Vs**

**Joseph Muscat u b'digriet tal-20 ta' Settembru 2006 gie kjamat fil-kawza Anthony Bonello**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-atturi talbu sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma' ghandux jigi kundannat li jhallas lill-attur dik is-somma illi tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, in linea ta' danni ghall-hsarat ikkawzati mill-konvenut fil-fond tar-residenza tal-istess atturi f'37, Monsinjur Alfred Mifsud Street, Pembroke, waqt l-ezekuzzjoni ta' xogholijiet li kienu qed isiru mill-konvenut fil-fond adjacenti 36, Monsinjur Alfredo Mifsud Street, Pembroke, u dan prevja

dikjarazzjoni illi il-konvenut responsabbli ghall-hsarat sofferti mill-atturi.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-14 ta' Jannar 2000, u bl-imghaxijiet dekorribbli mid-data ta' l-istess ittra sad-data tal-pagament effettiv.  Ghall fini tal-kompetenza, illi d-danni ma jeccedux il-hames mitt lira Maltin (Lm500).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut, Joseph Muscat (fol 6 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi d-domanda tal-atturi ghandha tigi michuda peress illi hija nfondata fid-dritt u fil-fatt.
2. Illi l-eccipjent kien qieghed jaghmel xoghol ta' tibjid fil-fond 36, Mgr Alfredo Mifsud Street, Pembroke u kien qieghed juza sealer fuq il-faccata.  Illi l-attur ilmenta li bhala rizultat ta' dan ix-xoghol il-madum tat-tarag ta' barra tieghu gie mtebba.

Illi l-konvenut minghajr ma ghamel verfiki, accetta bhala veritier in buona fede assoluta dak li qal il-konvenut.  In buono fede accetta wkoll li kemm jista' jkun u jekk jista' inehhi dawn it-tbajja.  Fil-fatt hu ghamel trattament fuq it-tarag u rrizulta li kien hemm hafna hmieg fuq it-tarag inkluz hziez ecc li kienu pre-ezistenti, u zgur mhux ikkagunati mill-eccipjent.

Illi l-attur qed jghid li xi tbajja baqghu hemm.  Pero in realta ma gietx stabbilita bla dubju ta' xejn ta' min hi r-responsabilita ta' dawn it-tbajja.  Ghalhekk bhala l-ewwel eccezzjoni l-eccipjent jeccepixxi illi huwa mhuwiex responsabbli ghal tali tbajja.

3. Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-eccipjent kif inghad hawn fuq bi 'buona fede" ghamel xi trattamenti biex inehhi t-tbajja.  Fil-fatt gie mwaqqaf mill-attur (li telefonikament wkoll uza kliem fahxi fil-konfront tal-eccipjent) milli jkompli jaghmel dana t-trattament. B'dana t-trattament kien probabbli li kwalunkwe tbajja pre-ezistenti u kkaguna kwalunkwe kien imur. Ghalhekk jidher car illi dina l-kawza hija intempestiva u purament

vessatorja u ghalhekk it-talba tal-attur ghandha tigi michuda.
4. In ogni kaz minhabba s-suespost l-ispejjez tal-kawza zgur m'ghandux ibatihom il-konvenut.

Rat id-digriet Taghha moghti fis-26 ta' Settembru 2000 (fol 8 ibid) u li bih kien gie nomina bhala espert tekniku "biex jikkostata l-hsarat" lill-Arkitett u Inginier Civili David Pace (ara ukoll fol 15 ibid).

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment fol 23, fol 31 sa fol 35 u fol 89 ibid.

Rat ir-relazzjoni sottomessa mill-istess espert tekniku (fol 42 et seq ibid).

Rat id-digriet Taghha moghti fl-20 ta' Settembru 2006 u dan bi qbil bejn il-partijiet permezz ta' liema digriet kien gie kjamat in kawza Anthony Bonello (fol 84 ibid).

Rat li l-istess kjamat inkawza debitament notifikat, (ara fol 86 "a tergo" ibid) ma deherx quddiem il-Qorti sabiex, b'xi mod, jikkontesta t-talba attrici.

Rat il-kapitolu tal-atturi (fol 91 ibid) ghas-subizzjoni tal-istess kjamat in kawza u li l-istess kjamat in kawza ma kienx deher, avolja msejjah skond il-ligi, fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2007 (fol 90 ibid).

Semghet fil-qasir lill-partijiet.

Ikkunsidrat

Illi l-attur (fol 10 et seq ibid) xehed illi, f'post adjacenti ghal tieghu u ta' martu u appartenenti lil terza persuna, kien qed jsir xoghol ta' invjar ta' hajt estern mill-konvenut kif inkarigat mill-istess terza persuna. Dwar l-esekuzzjoni tal-istess xoghol "… l-istess Muscat ipprova jaghmel xi xoghol permezz ta' spirtu". Minhabba hekk kien tebba' it-tarag ta' barra fil-post tieghu" (ara r-ritratti esebiti minnu stess dwar il-hsarat a fol 13 ibid kif ukoll ir-rapport "ex

parte" maghmul mill-Arkitett u Inginier Civili Renee' Buttigieg a fol 14 u xhieda ta' dan.

Meta induna b'dawn il-hsarat, hu kien tkellem mal-konvenut li, da parti tieghu, kien qallu "li dak ma kien xejn" u "… li t-tbajja kienu gew ikkawzati mill-ispirtu li kien qed juza". Wara li ghaddew madwar xahrejn, hu kien rega' tkellem mal-istess konvenut u dan kien qallu li "… kien ser jipprova jaghmel l-ispirtu fit-tarag kollu. Izda it-tbajja xorta wahda ma marrux". Filfatt, l-attur sostna li, l-konvenut "… "ad insaputa tieghu" … ta' ghal darbtejn, spirtu fuq it-tarag imtebba' …" izda, effettivament "… tellef il-kulur lit-tarag".

Ikkunsdirat

Illi l-Perit Tekniku nominat minn din il-Qorti ssottometta li t-tarag in kwistjoni hu miksi b'madum tat-tip "terracotta". Fuq dan il-madum kien hemm tbajja "… mifruxin ghal madwar kwazi l-medda tal-madum kollu". Konsegwentment "… il-madum imhassar irid jigi rimpjazzat b'madum gdid". Ghalhekk l-istess espert illikwida l-ammont ta' Lm420.00 bhala danni ghal dan il-ghan.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut, da parti tieghu, ipproduca lil-imsemmi Anthony Bonello (fol 67 et seq ibid) u dan qabel ma ' kien gie kjamat fil-kawza, kif di gja premess. Meta xehed, dan filfatt spjega li kien hu li inkariga lill-konvenut sabiex jizbogh il-faccata fuq barra, tal-propjeta tieghu u li hu adjacenti u "… bl-appogg imiss ma tieghu". Qabel ma nbeda x-xoghol hu w il-konvenut kienu iddiskutew, jekk l-istess faccata ghandhiex titghatta b'carruta sabiex jigu evitati hsarat fil-post tal-attur. Dwar dan il-punt, l-istess kjamat in kawza, specifikatament xehed "Filf-att il-konvenut kien staqsieni "Hemm bzonn li ssir dan ic-carruta?" u jiena ghidltu li m'hemmx bzonn "… "ghax ma kienx rih". Sussegwentement, wara li ghaddiet madwar gimgha minn meta spicca l-istess xoghol, l-attur kien avvicinah u qallu li kien waqa' xi spirtu fuq il-madum tieghu. Il-konvenut ikkontesta dan billi qal li kien waqa',

fuq l-istess tarag “ghasel tal-gewza” minn sigar li ghandu l-istess attur. Xorta wahda Anthony Bonello qal li kien ippropona “… li mbiddillu l-madum” liema proposta giet rifjutata mill-attur “… ghax kien iddecieda li jiehu l-passi l-Qorti”. Waqt il-kontro ezami, l-istess kjamat fil-kawza kien spjega li l-konvenut kien ghamel xi tentattivi sabiex jnehhi t-tbajja, permezz ta’ hasil u ta’ spirtu almenu ghal darbtejn izda dan kien ghal xejn.

Ikkunsidrat

Illi, kif jidher mill-istess xhieda tal-kjamat inkawza, Anthony Bonello, li inkariga lill-konvenut sabiex jaghmel ix-xoghol kif deskritt kien l-istess kjamat in kawza li qal lill-konvenut sabiex dan ma jaghmilx ilqugh, permezz tac-carruta msemmija, sabiex dik il-parti fejn kien ser jsir l-istess xoghol tigi moghttija u b’hekk jkun protett, minn hsarat, it-tarag fil-post tal-attur. Difatti, dwar dan il-punt, il-konvenut issottometta eccezzjoni ulterjuri kif jidher a fol 81 ibid (ara ukoll fol 83 u fol 74 ibid).

Illi, kif premess, il-kjamat in kawza avolja debitament notifikat bl-avviz in esami, bl-ebda mod, ma issottometta xi linja ta’ difiza skond il-ligi u b’hekk jidher li ma kienx intenzjonat li jikkontesta t-talba attrici u ghandu jigi ritenut bhala kontumaci.

Illi dan ghandu jigi abbinat ma’ dak li xehed hu stess, kif hawn fuq sottolineat fis-sens illi kien hu stess li qal lill-konvenut sabiex ma jaghmilx l-ilqugh hawn fuq imsemmi wara li dan tal-ahhar kien staqsieh dwar jekk ghandhiex titpogga “carruta” u b’hekk tigi evitata il-hsara li saret fil-madum tal-attur.

Illi, konsegwentement, il-kjamat in kawza ghandu jigi ritenut, kemm kif fuq bazi ta’ fatt kemm “ex lege”, resposnabbli ghad-danni in esami, dwar liema punt kemm l-attur kemm il-konvenut qablu dwaru meta nstemghet it-trattazzjoni finali.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li tillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju;

1. tillikwida l-ammont ta’ danni f’dan il-kaz fis-somma ta’ Lm420;
2. tiddikjara lill-kjamat in kawza, Anthony Bonello, bhala unikament responsabbli ghall-istess danni u;
3. tikkundanna lill-istess kjamat inkawza Anthony Bonello sabiex jhallas lill-attur is-somma ta’ Lm420 bl-imghax legali mis-16 ta’ Novembru 2006, id-data tan-notifika lilu tal-istess avviz sa dak tal-pagament effettiv. In rigward l-ispejjes, hlief dawk tal-ittra ufficjali tal-14 ta’Jannar 2000 li jithallsu mill-attur dawn jithallsu kollha mill-istess kjamat in kawza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------